MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 1037/2005

**HSBC Bank Malta Plc**
**vs**

**1) Ideal Dwellings (Turnkey) Limited – debitur principali**
**2) Mario Pickard u martu Antoinette Pickard**
**3) Ideal Dwellings Manufacturing Limited**
**4) Tonio Bartolo u martu Victoria Bartolo**
**5) Mario Fenech**
**6) Steven Borg**
**7) Marbeaux Holdings Limited**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta` attrici:

Il-Bank attur ta` facilitajiet bankarji ta` Overdraft Facilities lill-kumpanija debitrici principali Ideal Dwellings (Turnkey)

Ltd skond zewg kuntratti fl-atti tan-Nutar Tonio Cachia tad-9 ta` Marzu, 1999 (Dok. A) u tad-9 ta` Jannar, 2001 (Dok. B) fuq liema atti l-konvenuti kollha minbarra Mario Fenech ikkostitwew ruhhom garanti solidali tal-istess kumpanija favur il-Bank attur;

Il-kumpanija konvenuta Ideal Dwellings (Turnkey) Limited hija debitrici tal-Bank attur fl-ammont globali ta` mitejn u tnejn u tletin elf, seba` mija u tlieta u tmenin lira u hmistax-il centezmu (Lm232,783.15c0) oltre l-imghax mill-1 ta` Lulju 2005 dovut lill-istess Bank kif jinghad hawn taht:

a) Erbgha u tmenin elf, tliet mija u hamsa u disghin lira u erbgha u hamsin centezmu (Lm84,395.54c0) dovuti lill-Bank attur in kwantu ghal Lm68,569.97,0 fuq *“Overdraft Account”* bin-numru 011-073822-340 (qabel numru 111014299 ga numru 118016351) u r-rimanenti Lm15,825.57,0 bhala imghax fuq l-istess *“Overdraft Account”* sat-30 ta` Gunju, 2005 kif jirrizulta mill-Istatement anness bhala Dok 1, oltre l-imghax mill-1 ta` Lulju, 2005 sad-data tal-pagament effettiv; u

b) Mija u sebat elef, sitt mija u sitta u sittin lira u erbgha u hamsin centezmu (Lm107,666.54c0) dovuti lill-Bank attur in kwantu ghal Lm80,000 bhala bilanc ta` *“Loan Account”* bin-numru 011-073822-341 (qabel numru 118016378) u r-rimanenti Lm27,666.54c0 bhala imghax fuq l-istess *“Overdraft Account”* sat-30 ta` Gunju, 2005 kif jirrizulta mill-Istatement anness bhala Dok. 2, oltre l-imghax mill-1 ta` Lulju, 2005 sad-data tal-pagament effettiv;

c) Erbghin elf seba` mija wiehed u ghoxrin lira u seba` centezmi (Lm40,721.07c0) dovuti lill-Bank attur in kwantu ghal Lm31,280.39c0 bhala bilanc ta` *“Loan Account”* bin-numru 011-073822-343 (qabel numru 011-073822-001) u r-rimanenti Lm9,440.68c0 bhala imghax fuq l-istess *“Loan Account”* sat-30 ta` Gunju, 2005 kif jirrizulta mill-Istatement anness bhala Dok. 3, oltre l-imghax mill-1 ta` Lulju, 2005 sad-data tal-pagament effettiv;

Il-konvenuti kollha ikkostitwew ruhhom garanti solidali favur il-Bank attur tal-imsemmija kumpanija debitrici

principali solidalment bejniethom u maghha, ghall-hlas tal-ammont dovut mill-istess kumpanija kif hawn taht imsemmi;

Il-konvenuti Mario u Antoinette konjugi Pickard permezz tal-kuntratti fuq imsemmija Dok. A u B u permezz ta` sitt (6) Guarantee Forms li kopji taghhom qed jigu hawn annessi bhala dokumenti 4, 5, 6, 7, 8 u 9;

Il-kumpanija Ideal Dwellings (Manufacturing) Limited permezz tal-kuntratti fuq imsemmija Dok. A u B u permezz ta` Guarantee Form li kopja taghha qed tigi hawn annessa bhala document 10;

Il-konvenuti Tonio u Victoria konjugi Bartolo permezz tal-kuntratti fuq imsemmija Dok. A u B u permezz ta` sitt (6) Guarantee Forms li kopji taghhom qed jigu hawn annessi bhala dokumenti 11, 12, 13, 14, 15 u 16;

Il-konvenut Mario Fenech permezz ta` Guarantee Form li qed tigi hawn annessa bhala document 17;

Il-konvenut Steven Borg permezz tal-kuntratti fuq imsemmija Dok. A u B u permezz ta` sitt (6) Guarantee Forms li kopji taghhom qed jigu hawn annessi bhala dokumenti 18, 19, 20, 21, 22 u 23;

Il-kumpanija Marbeuax Holdings Limited permezz tal-kuntratti fuq imsemmija Dok. A u B u permezz ta` sitt (6) Guarantee Forms li kopji taghhom qed jigu hawn annessi bhala dokumenti 24, 25, 26, 27, 28 u 29;

Il-konvenuti, ghalkemm interpellati biex ihallsu, baqghu inadempjenti;

Il-kreditu tal-Bank huwa cert, likwidu u ezegwibbli u sa fejn jaf il-Bank attur, il-konvenuti m`ghandhom ebda difiza valida opponibbli f`din il-kawza kontra t-talba tieghu ghall-hlas ta` dik is-somma, kif jidher mill-affidavit tal-P.L. Jonathan de Maria, ir-rapprezentant tal-Bank attur, hawn anness bhala Dok. X;

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. taghti s-sentenza u tilqa` t-talba tal-Bank attur bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12); u

2. tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom ihallsu lill-Bank attur is-somma globali ta` Lm232,783.15c0 fuq imsemmija, oltre l-imghax mill-1 ta` Lulju, 2005, dovuta kif spjegat aktar il-fuq;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta` Sekwestru prezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u in-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta` eccezzjonijiet, u lanqas ma deheru fl-udjenza li ghaliha gew imsejha, u hekk baqghu kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta` attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa` t-talba tas-socjeta` attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------